MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 134/2006

**Raymond Camilleri**

**Vs**

**Peter Attard**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li fih ippremetta:

1. Illi permezz ta' dan ir-rikors, ir-rittrattant qiegħed jitlob umilment u bir-rispett r-ritrattazzjoni ta' sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati fil-11 Ġunju 2001 tal-kawza fl-ismijiet Raymond Camilleri vs Peter Attard, fejn il-konvenut ġie kkanonizzat debitur tal-attur u kkundannat iħallas is-somma komplessiva ta'

Lm1,740.55 rapprezentanti kwantu għal Lm971.79 bħala sorte, Lm615.44 bħala imgħaxxijiet legali dekorsi, Lm153.32 bħala drittijiet u spejjez gudizzjari;

2. Illi r-rittrattant qiegħed jipprezenta dan ir-rikors a tenur tal-Artikoli 811(a) u (b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi s-sentenza hawn fuq attakkata ttieħdet b'qerq mill-attur bi ħsara għall-esponent u *in subsidium* peress li l-avviz tal-kawza qatt ma ġie notifikat lill-esponent hekk kif titlob il-Liġi;

3. Illi fl-ewwel lok, ir-rittrattant qiegħed jinterponi minn dan il-mezz straordinarju tar-ritrattazzjoni peress illi l-attur kiseb sentenza favur tiegħu bl-ezerċizzju ta' qerq bi pregidizzju għall-esponent u dan stante li huwa indika indirizz inkorrett bħala indirizz tal-esponent;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponent umilment u bir-rispett jissottometti li huwa ma ġiex debitament notifikat kif mitlub mil-Liġi u għalhekk ma kienx fil-possibilità li jidher għas-seduti tal-kawza fl-ismijiet premessi u jipprezenta r-risposta u eċċezzjonijiet tiegħu. Inoltre, minkejja li l-konvenut ma ġiex notifikat kif jixraq, il-kawza nstemgħet u nqatgħet mingħajr il-presenza tiegħu;

5. Illi r-rittrattant anqas ma kien fil-kapaċità li jinterponi appell minn din s-sentenza u dan għaliex huwa sar jaf b'din s-sentenza ferm wara lil kien għalaq it-terminu preskritt fejn huwa setgħa jipprezenta r-rikors ta' appell;

6. Illi l-fatti fil-qosor li taw lok għal dan ir-rikors huma s-segwenti:-

a) Illi permezz ta' Avviz numru 1525/99MM, fl-ismijiet suċitati, l-attur intavola avviz fejn talab lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tikkanonizza lill-konvenut bħala debitur tiegħu u tikkundannah iħallas dan id-debitu;
b) Illi wara li ġie pprezentat dan l-avviz, il-konvenut ma ġiex innotifikat b'mod xieraq u validu u dan għaliex il-proċedura hekk kif kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li tipprovdi illi *'jekk mir-referta tal-uffiċjal inkarigat*

*minn notifika ta' skrittura* ***jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirrizultax li qiegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u*** *billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta* ***u f'ġurnal ta' kuljum*** *wieħed jew aktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi'.* Fil-fatt il-pubblikazzjoni saret biss fil-Gazzetta tal-Gvern (vide fol. 23 tal-proċess) u fl-ebda ġurnal ieħor lokali hekk kif mitlub bil-liġi. Inoltre, mill-proċess ma jirrizulta li saret ebda affissjoni tal-att hekk kif kontemplat fl-Artikolu suċitat; (enfasi tar-rikorrent)

c) Illi inoltre, fl-avviz li jinsab a fol.1 tal-proċess il-lokalità indikata mill-attur bħala indirizz tal-esponent hija 'Xagħira' u sussegwentament kif jirrizulta minn fol. 3 'Xagħra' minflok 'Xgħajra Zabbar' hekk kif jindika l-kuntratt ta' bejgħ tal-fond li kien meritu tal-kawza jew tal-anqas 'Zabbar' hekk kif tindika l-karta tal-identità tal-istess esponent. Di fatti l-lokalità indikata bħala 'Xagħira' ma tezistix u dik indikata bħala 'Xagħra' tinsab ġewwa l-gzira ta' Għawdex, għalhekk ġustament ir-referta ġiet lura tindika 'no such address';

d) Illi minħabba ċ-ċirkostanti suesposti r-rittrattant ma kienx fil-kapaċità li jipprezenta risposta u anqas li jiddefendi l-kaz tiegħu. Eventwalment dan wassal biex ikun hemm sentenza kontra tiegħu;

e) Illi anki sa dan l-istadju r-rittrattant baqa' inkonsapevoli tal-fatt li kienu bdew proċeduri kontra tiegħu u li saħansitra ġie kkanonizzat debitur. Di fatti sar jaf b'dan il-fatt biss wara li kien irċieva ittra mingħand Creditinfo Malta datata 25 ta' Marzu 2006 fejn infurmatu li kontra tiegħu kien inħareġ mandat ta' sekwestru fejn qiegħed jiġi interpellat sabiex iħallas is-somma li ġie kkundannat iħallas;

f) Illi għalhekk minkejja li t-terminu stabbilit mil-liġi sabiex jipprezenta rikors ta' appell kien lahaq għalaq, hu ma kellux rimedju ieħor għajr milli jinterponi minn dan l-umli rikors ta' ritrattazzjoni;

g) Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant ir-rittrattant qiegħed umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Tiddikjara illi a bazi tal-premess jezistu raġunijiet validi għal ritrattazzjoni skont kif tikkontempla l-Liġi a tenur tal-Artikolu 811 (a) u/jew (b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Tħassar u tannulla u tirrexxindi u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet 'Raymond Camilleri vs Peter Attard';
3. Tordna s-smigħ mill-ġdid tal-kawza hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull azzjoni fil-liġi.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-26 ta' Lulju 2006 fejn ordnat is-sospensjoni tal-esekuzzjoni u l-proceduri kollha sussegwenti relattivi tas-sentenza "Raymond Camilleri vs Peter Attard" hawn fuq imsemmija, sakemm jigi definittivament ittrattat u deciz ir-rikors ta' ritrattazzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut fejn eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, l-esponent jeċċepixxi bir-rispett in-nullità tal-att ġudizzjarju li permezz tiegħu r-ritrattant fetaħ dawn il-proċeduri għar-ritrattazzjoni tas-sentenza in kwistjoni, u ċioè Raymond Camilleri vs Peter Attard (1525/99M) deċiza fil-ħdax ta' Ġunju 2001, u dan ai termini tal-Artikolu 789(1)(d) tal-Kap. 12 u ċioè, illi l-att imsemmi hu nieqes minn partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi. L-artikolu 815 tal-Kap. 12 jiddisponi illi: '*Fil-qrati superjuri u fil-qrati inferjuri, it-talba għar-ritrattazzjoni, f'qorti tal-ewwel grad, għandha ssir b'rikors ġuramentat...*'. L-att ġudizzjarju pprezentat mir-ritrattant, għalkemm maħluf, mhuwiex intitolat '*Rikors Ġuramentat*', izda hu intitolat '*Rikors ta' Ritrattazzjoni'.* Inoltre, mhux biss dan l-att ġudizzjarju ma jispeċifikax li hu rikors ġuramentat, izda hu nieqes minn partikolarità essenzjali espressament meħtieġa ai termini tal-Artikolu 156(1)(d) tal-Kap. 12, ċioè illi, '*f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċizi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:*

> *'Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jipprezenta r-risposta maħlufa tiegħu fi zmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, ċioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ipprezentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saz-zmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċizjoni skont il-liġi.*

*Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma x'għandu xi jgħid fil-kawza.';*

Illi di piu, għalkemm ir-rikors ipprezentat mir-ritrattant hu maħluf, ir-rittrattant naqas milli jiddikjara liema mill-fatti esposti fir-rikors jaf bihom personalment, kif minnu mitlub ai termini tal-Artikolu 156(1)(a);

Illi ai termini tal-Artikolu 156(7): *'Ir-reġistratur ma għandu jirċievi ebda rikors ġuramentat li ma jissodisfax l-elementi tas-subartikolu (1)...'*;

Għaldaqstant, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi l-att ġudizzjarju pprezentat mir-rittrattant għandu jiġu ddikjarat null.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kuntrarjament għal dak espost mir-rittrattant, is-sentenza in kwistjoni ma ġietx meħuda b'qerq mill-attur bi ħsara għar-rittrattant u in oltre, in-notifika tal-Avviz lir-rittrattant saret korrettament, u dan għas-segwenti raġunijiet;

   a. Ir-rittrattant espona illi '*l-attur kiseb sentenza favur tiegħu bl-ezerċizzju ta' qerq bi preġudizzju serju għall-esponent u dan stante li huwa indika indirizz inkorrett bħala indirizz tal-esponent*'. Ir-rittrattant qed jibbaza dan l-argument fuq il-fatt illi skont hu, *'fl-avviz li jinsab a fol. 1 tal-proċess il-lokalità indikata mill-attur bħala indirizz tal-esponent hija "Xagħira"'*. Però, jekk wieħed iħares sew lejn din il-kelma kif tinsab a fol. 1 tal-proċess jinnota illi din il-kelma hija fil-fatt '*Xgħajra'*. Peress illi din l-istess kelma hija sottolineata, l-parti t'isfel tal-ittra 'j' titkompla mas-sottolinear tal-kelma sħiħa, bl-istess mod illi l-parti t'isfel tal-ittra 'g' titkompla mal-bqija tas-sottolinear tal-kelma. Dan ma jfissirx però illi l-kelma indikata hija '*Xagħira'* minflok '*Xagħjra'*, jew li b'daqshekk, l-attur ipprova jqarraq bir-rittrattant;

b. Kuntrarjament għal dak espost mir-rittrattant, in-notifika tal-Avviz lir-rittrattant saret korrettament u dan stante illi saret ai termini tad-Digriet ta’ din il-Qorti (a fol. 10 tal-proċess) li permezz tiegħu l-Qorti laqgħat it-talba tal-attur (a fol. 9 tal-proċess) fejn talab lill-Qorti sabiex: ‘*tordna n-notifika tal-konvenut permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.’* Dik il-Qorti ma tat l-ebda ordni jew direzzjoni oħra lill-attur sabiex in-notifika lir-rittrattant issir b’xi mezz ieħor minbarra l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, kif mitlub mill-attur. L-ewwel pass tar-rittrattant, se mai, kellu jkun li jitlob bil-proċedura idonea r-revoka ta’ dan id-digriet.

3. Illi l-esponenti jaf b’dawn il-fatti personali;

4. Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa, tiċħad it-talbiet kollha attriċi.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-8 t’Ottubru 2007, fejn laqghet ir-rikors tar-ritrattant Peter Attard fejn talab, ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fir-rikors promotur tieghu.

Ghaldaqstant, l-ewwel ecezzjoni tar-rittrattat giet survolata.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Din hija kawza ta' ritrattazjoni. Fis-sentenza **Supermarkets (1960) Limited v. Mario Cachia pro et** deciza fis-7 ta' Lulju 2003, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[1] irriteniet hekk: *"Huwa daqstant iehor vitali illi wiehed ifakkar illi l-gudizzju ta' ritrattazzjoni hu maghmul minn zewg stadji distinti li ghandhom jinzammu separati u ma jistghux jigu akkumulati jew konfuzi flimkien.*

*Kif intqal fid-decizjoni riportata a Vol XXII pIII p235, "il gudizio di ritrattazione ha un doppio oggetto: quello di fare annullare una sentenza passata tra le parti in giudicato, e l'altro di riaprire la trattazione della causa e provocare una altra sentenza, e si compone di due stadi distinti da non confondersi l'uno coll'altro, detti dei pratici il rescindente ed il rescissorio".*

*Fi kliem iehor, "oggett tal-ewwel stadju hu li tigi annullata s-sentenza bejn il-partijiet li tkun saret gudikat; skop tat-tieni stadju hu li terga' ssir it-trattazzjoni tal-kawza u tigi moghtija sentenza gdida." (Vol XLVI pI p90)"*

Ghalhekk, f'din is-sentenza, din il-Qorti ser tiddeciedi biss jekk hemmx ragunijiet validi fil-ligi sabiex thassar u tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati "Raymond Camilleri" vs Peter Attard" deciza fil-11 ta' Lulju 2001, u huwa biss f'kaz affermattiv, li din il-Qorti se tordna s-smiegh mill-gdid tal-istess kawza.

Il-lanjanzi tar-ritrattant Peter Attard huma ben spjegati minnu fir-rikors guramentat tieghu u ghalhekk din il-Qorti mhix ser terga' tirriproducihom. Huwa qieghed jibbaza t-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni fuq l-Artikolu 811(a) u (b) tal-Kodici ta' Procedura Civili, u senjatament, li s-sentenza hawn attakkata ttiehdet b'qerq mir-ritrattat bi hsara ghar-ritrattant, u *in subsidium* peress li l-avviz tal-kawza qatt ma gie notifikat lir-ritrattant kif titlob il-ligi.

Ir-ritrattant Peter Attard xehed li hu sar jaf bis-sentenza kontrih meta rcieva ittra datata 25 ta' Marzu 2006 li ntbaghatet lilu minn Credit Info Malta Ltd. Fil-karta tal-identita tieghu, l-indirizz tieghu huwa

[1] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

mnizzel bhala "14, Petmar, Triq iz-Zaghrun, Haz-Zabbar." Hu jghid ukoll li l-post fejn joqghod m'huwiex ix-Xaghra (recte Xaghjra) ta' Haz-Zabbar.[2]

Il-Qorti rat il-process tas-sentenza in kwistjoni li gie anness ma' dawn il-proceduri. L-attur qed jibbaza l-argument tieghu li s-sentenza giet ottenuta b'qerq ghaliex skont hu *"fl-avviz li jinsab a fol. 1 tal-process, il-lokalita indikata mill-attur bhala indirizz tal-esponent hija "Xaghira"*. Pero wara li rat fol. 1 tal-process, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tar-ritrattat, li jekk wiehed ihares sew lejn din il-kelma kif tinsab a fol. 1 tal-process anness, wiehed jinnota li din il-kelma hija fil-fatt "Xghajra". Peress illi din l-istess kelma hija sottolineata, l-parti t'isfel tal-ittra "j" titkompla mas-sottolinear tal-kelma shiha, bl-istess mod illi l-parti t'isfel tal-ittra "g" titkompla mal-bqija tas-sottolinear tal-kelma. Ghalhekk il-kelma indikata hija "Xghajra" u mhux "Xaghira". Fil-fatt fil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern li giet sussegwentement ordnata mill-Qorti, il-post huwa mnizzel bhala "Xaghjra".[3]

Pero, ghal xi raguni fuq il-folder li kellu jmur ghan-notifika tar-ritrattant tal-avviz, u d-digriet tal-ewwel appuntament, il-post gie indikat bhala "Xaghra" (ara fol. 3 tal-process anness), li ovvjament huwa post li jinsab fil-Gzira ta' Ghawdex u mhux f'Malta, u konsegwentement, ir-ritrattant ma giex notifikat.

Pero dan l-izball fl-isem tal-post fejn joqghod ir-ritrattant mhux bizzejjed wahdu sabiex jigi ippruvat li r-ritrattat kellu l-intenzjoni li jqarraq bil-Qorti, biex jikseb vantagg fuqu. Apparti x-xhieda tieghu, ir-ritrattant ma gab l-ebda provi jew xhieda indipendenti ohra, li d-dar tieghu ma taqax f'dik il-parti ta' Haz-Zabbar, maghrufa bhala x-Xaghjra. Anzi fir-rikors guramentat tieghu jghid hekk *"(c) c) Illi inoltre, fl-avviz li jinsab a fol.1 tal-proċess il-lokalità indikata mill-attur bħala indirizz tal-esponent hija 'Xagħira' u sussegwentament kif jirrizulta minn fol. 3 'Xagħra' minflok 'Xgħajra Zabbar' hekk kif jindika l-kuntratt ta' bejgħ tal-fond li kien meritu tal-kawza jew tal-anqas 'Zabbar' hekk kif tindika l-karta tal-identità tal-istess esponent."* (sottolinear tal-Qorti). Dan il-kliem jindika li fil-fatt ir-residenza tar-ritrattant qieghda f'dik il-parti ta' Haz-Zabbar maghrufa bhala "Xghajra", kif fil-fatt giet indikata fl-avviz.

[2] Ara xhieda tar-ritrattant Peter Attard a fol. 65 tal-process.
[3] Ara fol. 23 tal-process anness.

In oltre ma ngabet l-ebda prova li l-fatt li fil-folder tan-notifika tar-ritrattant, minflok "Xghajra" inkitbet "Xaghra" kien att intenzjonali u in *mala fede* u mhux semplici zball tal-kitba.

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ma tarax li r-ritrattant ipprova sal-grad rikjest fil-kamp civili li kien hemm qerq fit-termini tal-Artikolu 811 (a) tal-Kodici ta' Procedura Civili.

Ir-ritrattant jilmenta wkoll li wara li gie pprezentant l-avviz, huwa ma giex notifikat bil-procedura kif kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kodici ta' Procedura Civili. Dan l-Artikolu jippreskrivi illi *"Jekk mir-riferta tal-ufficjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att gudizzjarju jinstab li … … il-post tar-residenza taghha mhux maghruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika issir billi titwahhal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficcjali, u billi l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta u f'gurnal ta' kuljum wiehed jew iktar minn wiehed skont kif il-qorti tiddeciedi."*.

Issa huwa veru li mill-process ma jirrizultax li saret xi affissjoni tal-avviz hekk kif kontemplat fl-Artikolu 187(3). Inoltre, ghalkemm mill-process jirrizulta li l-avviz gie ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, ma jirrizultax li gie pubblikat f'ghall-inqas gurnal iehor lokali hekk kif titlob il-ligi. Ir-ritrattat ma jichadx dan il-fatt, imma fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid illi *"in-notifika tal-attur ritrattant saret permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, kif ordnat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta' digriet tal-15 ta' Mejju 2000. Ghalhekk in-notifika saret ai termini tal-ordni tal-Qorti, u hija per konsegwenza valida."*

Mill-process anness jirrizulta li r-ritrattat kien ipprezenta rikors fit-12 ta' Mejju 2000 fejn talab lill-Qorti *"tordna n-notifika tal-konvenut permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern" sic et simpliciter.* U b'digriet tal-15 ta' Mejju 2000, dik il-Qorti laqghet it-talba.[4] Pero dan ma jfissirx li r-ritrattat kien gustifikat li jinjora d-disposizzjoni tal-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Procedura Civili. Anki jekk bi zvista l-Qorti ma elenkatx il-procedura kollha li kellha tigi segwita, ir-ritrattat huwa konsapevoli li digriet ta' Qorti ma jistghax jistultifika jew ikun kontra l-ligi, u kien dover tieghu li jerggha jaghmel rikors sabiex jigi awtorizzat jipprocedi skont kif kontemplat fl-Artikolu 187(3).

[4] Ara fol. 9 tal-process anness.

Ghal din ir-raguni, fl-opinjoni tal-Qorti, ir-rittrattant ma giex notifikat validament ai termini tal-ligi u ghalhekk hemm lok li issir ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(b) tal-Kodici ta' Procedura Civili.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddeciedi billi:

1. tichad it-talba ghal ritrattazzjoni in kwantu ibbazata fuq l-Artikolu 811(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. tilqa t-talba ghal ritrattazzjoni in kwantu ibbazata fuq l-Artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. thassar, tannulla, tirrexxindi u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Raymond Camilleri vs. Peter Attard" (Avviz Nru 1525/99) deciza fil-11 ta' Gunju 2011;
4. tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza hawn fuq imsemmija.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------